MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 533/2004

**Charles Grech & Co. Ltd. (C 2473)**

**vs**

**Bar Funk Limited (C 30234)**

**Il**-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ elf, seba’ mija u wiehed u sittin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,761.50), rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merci konsistenti fi prodotti ta’ xorb ordnat mis-socjeta’ konvenuta u lilha debitament ikkonsenjat mis-socjeta’ attrici, u mhux imhallas skond kif jidher fuq l-istatement anness u mmarkat Dok. A.

Is-socjeta’ konvenuta kienet interpellata sabiex thallas (Dok. B), baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluzi Lm5.75 ghall-ittra nterpellatorja datata 20 ta' Novembru, 2003 u bl-imghax legali mid-data ta' kull invoice sal-gurnata tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-10 ta' Jannar, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------